**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu 2019

Rikors Guramentat numru : 86/11 AL

**C B**

**vs**

**A B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-attrici izzewwget lill-konvenut fil-Knisja ta' Santa Marija l-Mosta fil-15 ta' Gunju 2002 (**DOK A**) wara korteggjament u gherusija ta' madwar hames snin u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, cioe' D illi twieldet fit-30 ta' Gunju 2005 (**DOK B**).

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba inkompatabilita' ta' karattru, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

3. Illi l-attici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta kawza ta' separazzjoni kontra zewgha bi digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Jannar 2011 (**DOK C**).

4. Illi l-problemi bejn il-konjugi bdew f' April tas-sena 2010, meta l-konvenut beda jinsisti mal-esponenti illi hija kellha tghix hajjitha u lilu thallih bi kwietu jghix hajjtu u dan kull meta hija kienet tavvicinah b' kwalunkwe mod, izda l-esponenti thoss illi zewgha beda jinbidel maghha hekk kif miet missieru f' Novembru 2009, meta beda jsir biered u xott maghha, izda l-esponenti ghall-ewwel hasbet illi dan kien qieghed jigri ghaliex kien waqa' piz kbir ta' xoghol fuq il-konvenut.

5. F'April tas-sena 2010, l-attur insista mal-esponenti illi huma kellhom jaghmlu separazzjoni tal-beni taghhom. Mitlub jispjega din l-insistenza, l-konvenut ma tax spjegazzjoni intelliggibli.

6. Ftit wara u minnghajr kawza percepibbli mill-esponenti, ir-rapport bejn il-kontendenti beda jiddeterjora. L-imgieba tal-konvenut mal-esponenti saret goffa u aggressiva. Beda jidhol id-dar u jaqbad argumenti mal-esponenti u fil-kors ta' dawn l-argumenti kien jaghti x'tifhem lill-esponenti illi huwa kellu d-dubbji dwar il-fedelta' taghha, izda kull meta kien jigi kkonfrontat b' fuq daqshekk kien jevita' illi jaghti spjegazzjoni.

7. Maz-zmien, partikolarment wara li l-konvenut beda l-proceduri ta' medjazzjoni, il-komportament tieghu mar ghall-aghar. Huwa l-ewwel irriduca u mbaghad waqaf ihallas manteniment lill-esponenti. Beda wkoll jikkrea incidenti dwar it-tifla. Kien jinsisti illi johrog lit-tifla ghall-granet l-hemm u l-hawn biex ihalliha ghand ommu.

8. Illi fil-bidu tas-sena korrenti, il-konvenut ha hwejjgu u telaq mid-dar konjugali u sad-data tal-prezentata ta' din l-azzjoni, ma regghax raqad id-dar. Naturalment, il-konvenut zamm ic-cwievet tieghu tad-dar u jidhol u johrog mid-dar kif irid, generalment biex jirtira xi oggetti jew biex jispezzjona d-dar.

9. Illi ma kienx possibbli illi jintlahaq ftehim bonarju ta' separazzjoni minhabba l-intransigenza tal-konvenut. B' mod partikolari, il-konvenut, wara li kien beda l-process ta' medjazzjoni naqas milli

javvicina dan il-process b' serjeta' u qatt ma ta proposti tal-kondizzjonijiet ta' separazzjoni illi huwa kien qieghed jipproponi.

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

i. tiddikjara u tipprounzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

ii. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

iii. tordna illi l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri D B, tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut illi jigi ezervitat fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabiliti mill-Qorti.

iv. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmi minuri D B, illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti.

v. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

vi. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

vii. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

viii. tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti.

ix. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att. Kontestwalment mal-imsemmija likwidazzjoni u divizjoni, il-Qorti hija ukoll mitluba, sabiex bil-ghan illi l-pretenzjonijiet reciproci tal-kontendenti jigu definittivament likwidati f’ gudizzju wiehed tillikwida l-krediti vantati mill-kontendenti kontra xulxin jew kontra l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, ixolji kull kommunjoni ta propjeta’ ezistenti bejn il-konjugi tordna l-qasma skond il-Ligi tal-propjeta hekk kommunament posseduta b’ mod illi tali likwidazzjonijiet u divizjonijiet ulterjuri jsiru kontestwalment mal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-gid formanti l-istess kommunjoni tal-akkwisti.

x. tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attrici flimkien mal-imsemmi bintha minuri D, bl-eskluzzjoni tal-konvenut.

xi. tawtroizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha F;

xii. awtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : fol. 25

1. Illi filwaqt li hu minnu, kif espost mill-attrici fir-Rikors Guramentat taghha, li bejnha u bejn l-esponent tezisti inkompatibilita' ta' karattru, ma huwa xejn il-kaz illi l-esponent irrenda il-hajja taz-zwieg impossibbli b'rizultat ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi da parti tieghu kif ziedet tesponi l-istess attrici. L-esponent innifsu kellu jipprocedi bl-istanza tieghu ghas-separazzjoni personali (Rikors Guramentat numru 85/2011 AF) precizament ghaliex martu wara li kienet bdiet b'mod kroniku iggib ruhha b'mod mhux kompatibbli mal-komportament ta' mara mizzewga, ghaddiet biex taghmel talbiet irrazzjonali fil-process ta' medjazzjoni bejniethom;
2. Illi kif inghad kien primarjament il-komportament ta' l-attrici, illi l-esponent ma setax ragonevolment jissaportih aktar, li wassal biex iz-zwieg jitfarrak. L-attrici tesponi illi f'April tas-sena 2010 l-esponent "beda jinsisti" illi hija "kellha tghix hajjitha u lilu thallih bi kwietu jghix hajtu". Fil-verita' ma kienet mehtiega l-ebda "insistenza" da parti ta' l-esponent biex l-attrici "tghix hajjitha", ghaliex hija tant kienet imdorrija taghmel dan anke bis-sahha tat-trobbija taghha illi nfatti inhasdet ghal kollox hekk kif f'certu stadju l-esponent wera li ma kienx aktar dispost illi jaccetta dak l-istil ta' hajja;

   Il-mewt ta' missier l-esponent f'Novembru ta' l-2009, citata mill-attrici fir-raba' paragrafu tar-Rikors taghha, jekk xejn ghenet lill-esponent biex jibda jara b'mod car x'kien qed jigri f'hajtu fiz-zwieg, u biex jifhem x'decizjonjiet kellu jaghmel;
3. Illi meta l-attrici fehmet li l-esponent kien iddecieda li ma jittollerax aktar il-kapricci taghha, bdiet taghmel minn kollox gewwa d-dar taz-zwieg kif ukoll in rigward tat-tifla minuri taghhom biex ittellef lill-esponent is-sens tar-

raguni. Huwa kien kostrett illi jaghmel sensiela ta' rapport lill-Pulizija Ezekuttiva, kif jigi pruvat, sahansitra banalment biex ikun jista jidhol bil-vettura tieghu fil-garaxx tad-dar taz-zwieg. B'aktar serjeta', kellu jirraporta lill-Pulizija illi l-attrici ad insaputa tieghu kienet qabbdet u tellghet it-tifla tieghu Ghawdex fit-tmien il-gimgha mal-familjari taghha;

4. Illi l-esponent kien u ghadu jhallas il-kontribut xieraq tieghu ghall-manteniment ta' bintu. M'huwiex il-kaz pero' illi l-attrici tippretendi li hija wkoll tigi mantnuta, mhux biss ghaliex hija ghandha l-introjtu taghha izda anke billi ma jisthoqqilhiex;
5. Illi l-esponent jghid li filwaqt illi m'hemmx lok skont ir-rizultanzi u legalment biex tigi akkolta is-sitt talba ta' l-attrici, jaqbel pero' illi l-assi tal-partijiet jigu likwidati u divizi kif jixraq skont dak illi jisthoqq lil kull parti. Hekk ippretenda gustament li jsir bi ftehim fil-process ta' medjazzjoni li ma rnexxiex;
6. Illi l-esponent jopponi ruhu ghall-ghaxar talba ta' l-attrici, illi mhux biss hija nkompatibbli mat-talba precedenti ghad-divizjoni ta' l-assi tal-partijiet pero' ukoll tispekkja l-fehma ta' l-attrici illi ghaliex l-art li fuqha nbniet id-dar taz-zwieg giet donata lill-kontendenti minn kumpanija ta' missierha ghandu jitqies ghalhekk illi l-istess proprjeta' hija proprjeta taghha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat illi wara digriet mogħti minn din il-Qorti fil-21 t'Ottubru 2011[1] din il-kawża mxiet flimkien mal-kawża fl-ismijiet inversi, bir-rikors ġuramentat innumerat 85/11AL;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dottor Albert Zerafa;

[1] Fol. 19 tal-proċess 85/11AL;

Rat illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar id-9 ta' Ottubru 2014, u għall-motivazzjonijiet hemmhekk elenkati, din il-Qorti kienet ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B;

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2016[2] il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent A B sabiex tikkonverti t-talba għas-separazzjoni legali f'waħda għall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti;

Rat in-nota tal-intimat ippreżentata fid-9 ta' Frar 2017[3] illi permezz tagħha huwa elenka l-pretensjonijiet tiegħu qabel ma l-Perit Legali għadda għar-rapport tiegħu. Rat in-nota responsiva tal-attriċi ippreżentata fis-17 ta' April 2017[4].

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dottor Albert Zerafa[5], debitament maħluf nhar l-14 ta' Marzu 2018 fejn huwa għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"KUNSIDERAZZJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-PERIT LEGALI**

1. L-istanti, qabel ma jgħaddi għal xi kunsiderazzjonijiet dwar it-talbiet mressqa mill-kontendenti jħoss illi jkun għaqli li jaghmel riferenza għas-segwenti prinċipji regolaturi dwar l-apprezzament tal-provi, fuq liema wkoll, huwa ser jibbaża r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ottubru 2003, fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak**, il-Qorti Ċivili Prim'Awla tenniet illi: *"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' w specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament*

[2] Rikors 85/11/2AL allegat;
[3] Fol. 142 tal-proċess 85/11AL;
[4] Fol. 146 tal-proċess 85/11AL;
[5] Fol. 159 tal-proċess 85/11AL;

*tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. [...] Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta w ikollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

2. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu 2003, fl-ismijiet **Enrico Camilleri v. Martin Borg** ingħad li: *"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo". Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet."*

3. Jingħad ukoll b'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Nancy Caruana v. Odette Camilleri** (13 ta' Frar 2001, u 27 ta' Frar 2004) illi: *"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza*

*civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

4. Ġie ritenut ukoll, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' April 2015 fl-ismijiet **Anthony Galea v. Gaetan Fendo** illi: *"Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita` tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet." (…) "Fil-kaz tal-lum, il-partijiet taw verzjonijiet opposti. Meta jigri hekk, il-Qorti jkollha taghmel ezercizzju sekondarju ta` verifika tal-fatti skond il-provi akkwiziti. Dan isir sabiex finalment il-Qorti jkollha stampa aktar cara u preciza sabiex tghid liema miz- zewg verzjonijiet tqarreb is-sewwa. Xi drabi dan ikollha taghmlu billi tmur ghal dettalji li forsi prima facie ma jkunux jidhru wisq rilevanti izda meta mbaghad meqjus f`kuntest aktar wiesgha u komplessiv jitfghu dawl fuq l-attendibita` ta` verzjoni fil-konfront ma` ohra."*

## A. HTIJA TAL-FIRDA :

1. Il-konsiderazzjonijiet li l-esponenti jħoss li jeħtieġ jagħmel sabiex jasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'din il-kawża neċessarjament iridu jibdew minn eżami tar-riżultanzi bl-iskop li tiġi determinata l-ħtija għall-firda li seħħet bejn il-kontendenti. Dan għaliex tali ħtija jista' jkollha effetti patrimonjali bejn il-kontendenti.
2. L-attriċi C B taddebita lill-konvenut is-sevizzi, eccessi u l-ingurji gravi. Il-konvenut A B jaddebita lill-attriċi l-eċċessi u ingurji gravi.

3. Minkejja l-fatt illi l-ebda parti ma tinkludi l-adulterju mal-premessa tal-kawza il-partijiet jaddebitaw lil xulxin l-adulterju, u ghalhekk l-esponent ser iressaq ukoll il-konsiderazzjonijiet tieghu fir-rigward tal-istess.

## A1. L-ADDEBITI SKONT L-ART. 40 TAL-KAP. 16 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA

**1.** Dwar l-addebiti skont l-Art. 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ingħad mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna**, illi: ***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" –* ***"Elisa Thompson vs Edward Thompson"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);****"***

## A2. SEVIZZI U ECCESSI

1. Jibda biex jingħad illi mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma 'moħqrija' u s-'sevizzi' jfissru l-istess ħaga.[6] Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti**, il-Qorti tal-Appell irritjeniet

[6] Qorti Ċivili, Prim'Awla, Antoinette Cauchi v. Alexander Cauchi, 2 ta' Ottubru 2003.

illi:

*"mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]." Kif osservat fil-kawża ċitata mill-ewwel Qorti PA Catherina H v Benedict H, deċiża 13 Gunju 1967 il-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq ċitat iridu jkunu tali li joħolqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiċċaw jgħixu "f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insapportabili l'abitazione e la vita comune."*

2. Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[7] Mill-banda l-oħra,*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano"*.[8] Baudry Lacantinerie jikkonferma illi: *"Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione"*.[9]
3. Hekk kif irritjeniet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Antoinette Cauchi v. Alexander Cauchi**: *"Illi skond il-gurisprudenza Maltija eccessi*

[7] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[8] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.
[9] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

*jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira li niente di meno jridu jkunu ta' perikolu ghall-hajja tal-parti l-ohra (ara **"Maria Mifsud v. Vincenzo Mifsud"** deciza fit-30 ta' Gunju 1961) u fid-dawl ta' dan din il-Qorti thoss li fil-kaz odjern, wara li gew ezaminati l-fatti migjuba quddiemha u kontrarjament ghal dak indikat mill-perit legali, li l-istess konvenut kien hati ta' eccessi lejn martu u dan minhabba li kien jixrob u wkoll minhabba l-vjolenza domestika li huwa kien jattwa fil-konfront taghha, apparti tghajjir u eccessi ohra."*

4. **Mill-provi akkwiżiti l-esponenti ma rriskontrax dak li l-liġi tagħraf bħala eċċessi kif meqjusa fil-parametri tal-ġurisprudenza. Għaldaqstant, dan l-addebitu ma ġie pruvat minn ebda parti.**

## A3. L-OFFIŻA GRAVI

1. L-offiża gravi tinkludi kliem jew aġir li joffendi l-unur u l-pudur ta' dak li jkun minkejja li dawn jirreferu għall-affarijiet kemm veri u kif ukoll foloz: *"Fil-kawza **"Camilleri utrinque"** deciza fis-16 ta' Marzu 1898, il-Qorti Civili kienet qalet: "Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano".*[10] F'dan ir-rigward, huwa wkoll notevoli l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Hugh Greengrass v. Lucia Greengrass**, li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*
2. Finalment, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1942, fl-ismijiet **Maria Micallef v. Giuseppe Micallef**, il-Qorti tal-Appell insenjat illi: *"Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-*

[10] Ibid.

*separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi".*

3. **Illi in linea mal-ġurisprudenza fuq ċitata ż-żewġ kontendenti, bil-mod kif gabu ruhhom lejn l-ahhar zmien li kienu ghadhom f'relazzjoni, il-komportament tal-konvenut wara l-mewt ta' missieru u l-komportament tal-attrici, fejn fost ohrjan kienet tqabbel lil zewgha ma' I J, ikomplu jaffermaw dan l-addebitu fil-konfront taghhom. Għaldaqstant, mill-provi akkwiżiti l-esponenti rriskontra dak li l-liġi tagħraf bħala l-offiża gravi kif meqjus fil-parametri tal-ġurisprudenza, li tagħha rrendew ruħhom responsabbli ż-żewġ kontendenti.**

**<u>A4. L-ADULTERJU (ART. 38 TAL-KAP 16 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)</u>**

**1.** Iz-zewg partijiet jippruvaw jimputaw ragunijiet lil xulxin ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. L-attrici, fl-affidavit taghha, fost ohrajn timputa l-adulterju da parti tal-konvenut filwaqt li l-konvenut ukoll jimputa l-adulterju da parti tal-attrici.

**2.** In materja ta' adulterju, huwa riċevut it-tagħlim segwenti: *"Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza "**<u>Rose Gauci vs Salvatore Gauci</u>**" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deċiża fl-1 ta' Ottubru 2002) li in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Fil-fatt ingħad li:- "... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta jgħid illi "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "**<u>Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe</u>**". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi*

*l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l- adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[11]

3. Ta' interess partikolari in materja huwa l-pronunzjament riċenti tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet **Rita Busuttil pro et noe vs. Raymond Busuttil** fejn ġie meqjus illi għalkemm il-problemi matrimonjali nibtu b'konsegwenza ta' aġir abbużiv ta' wieħed mill-konjuġi, kienet ir-relazzjoni adultera mibdija ħames snin wara l-firda *de facto* illi kissret iż-żwieġ b'mod irrimedjabbli.
4. Il-provi prodotti f'dina l-kawza ma jħallu ebda spazju f'moħħ l-esponenti għal xi dibattitu dwar l-adulterju taghhom u dana billi z-zewg partijiet illum il-gurnata jinsabu f'relazzjoni. Da parti tal-konvenut hemm l-ittri lil M N fejn jidher li qed jistqarr l-imhabba tieghu lejha mentri fir-rigward tal-attrici A B jghid li martu kienet ammettiet mieghu li kienet qed tiltaqa' ma' I J u M N (li dak iz-zmien kienet habiba taghha) ikkonfermat li C B qaltilha li hija baqghet tiltaqa' u tikkorrispondi ma' I J. Danakollu qatt ma gie kontradett mill-attrici. In oltre m'hemm l-ebda dubju li llum il-gurnata l-attrici tinsab f'relazzjoni ma' terza persuna.
5. L-esponenti jikkontendi li jidher car li kien hemm problemi martimonjali bejn il-koppja li dan wassal sabiex il-partijiet illum waslu fejn qeghdin. Ma hemmx dubju li A B kien diga` jinsab f'komunikazzjoni li tmur oltre l-hbiberija ma' M N f'Mejju tas-sena 2010 u dan kif jidher mill-ittra u l-messaggi li gew mibghuta minnu lil M N. Fir-rigward tal-attrici A B jghid li fi Frar 2009 kien sab messagg b'certu kunfidenzji u meta cempel fuq l-istess numru skopra li kien I J. Konfrontata b'dan kollu C B ammettiet li kienet f'kuntatt ma' I ghal tul ta' zmien u gieli kienu

[11] Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 27 ta' Novembru 2003.

anki jiltaqghu u dan ad insaputa tal-konvenut. Danakollu fl-ebda hin ma gie kontradett jew michud mill-attrici.

6. **Għaldaqstant, dan l-addebitu gie pruvat miz-zewg partijiet. L-istanti huwa tal-umli fehma li z-zewg partijiet ghandhom jahtu, b'mod ugwali, ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, u in kwantu d-data meta l-partijiet ghandhom jigu kunsidrati li minnha jkunu hatja tal-firda, l-esponent qieghed jissuggerixxi d-data tal-1 ta' Mejju 2010 u cioe` fiz-zmien li l-partijiet kienu f'komunikazzjoni diretta ma' M N.**

**<u>B. DWAR IL-MINURI D B:</u>**

**<u>B1. KURA, KUSTODJA U ACCESS GĦALL-MINORENNI D B:</u>**

1. In materia, is-sottofirmat jixtieq jibda' billi jagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet **<u>Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna</u>** (27 ta' Novembru 2003, Citaz. nru, 1715/2001/1) fejn il-Qorti għamelt riferenza għall-kawża fl-ismijiet **<u>Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli</u>** fejn ġie ritentut illi l-kura tat-tfal komuni għandha tkun regolata *"[...] mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal [...]"*
2. Jingħad ukoll f'din is-sentenza 'lli *"[...] il-principju dominanti 'in subiecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din in konsiderazzjoni f'din il-kawza, huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u fattwali li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."*
3. B'dawn il-prinċipji miżmuma fermi quddiemu, l-istanti huwa tal-fehma 'Illi l-kura u l-kustodja tal-minorenni għandha tkun waħda konġunta fejn deċiżjonijiet 'lli jirrigwardaw is-saħħa, l-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess jittieħdu

miż-żewġ partijiet flimkien. L-istanti ma jara assolutament ebda raġuni 'l għaliex xi waħda mill-partijiet għandha tkun eskluża mit-teħid ta' dawn id-deċiżjonijiet.

4. **Dwar l-aċċess, l-istanti qed jipproponi li dan ghandu jkun skont is-segwenti:-**
   a) **nhar ta' Tlieta bejn il-5.30p.m. u t-8.30p.m.**
   b) ***sleepover* mill-Gimgha fil-5.30p.m. sal-ghada s-Sibt fil-5.30p.m darba kull gimghatejn.**

   **F'dik il-gimgha li fiha l-missier ma jkollux access ta' *sleepover* favor bintu minuri fil-weekend, l-access ghandu jkun fil-gurnata tal-Hadd bejn l-10.30 a.m. u l-4.00p.m.**

## C. RETTA ALIMENTARI GHAL D B, SPEJJEZ EDUKATTIVI U MEDICI

1. Ai termini tal-Art. 7(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta: *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."* L-Art. 3B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta itenni 'lli: *"(1) Iż-zwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied. (2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied: (a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew (b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali."*
2. Ai termini tal-Art. 19 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta: *"(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni. (2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra,*

*jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."*

3. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' dettat skont il-mezzi tagħhom, ikkalkulati fit-termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Art. 20 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta: *"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih. (2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa. (3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust. (4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent. (5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."*
4. Mill-atti jirriżulta l-attrici ghandha dhul minn xoghol li hija taghmel fuq bazi *part tim*e u kif ukoll ghandha ishma f'kumpanija ta' missierha.  Inoltre tippercepixxi wkoll beneficcji socjali mill-Istat in konnessjoni mal-bint minuri D B. Mill-atti jirriżulta wkoll illi d-dhul tal-konvenut A B jammonta ghal cirka EUR25,457[12] *gross* fis-sena.
5. **Fl-opinjoni tal-esponenti wara li jittieħed qies tal-parametri mposti mill-Art. 20 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-introjtu tal-kontendenti, huwa rakkomandat li r-retta alimentari dovuta mill-konvenut lill-attriċi versu l-ħtiġijiet ta' bint il-partijiet tkun dik ta' mitejn u tmenin Ewro (€280)**

[12] Dhul tal-konvenut fis-sena 2010

**fix-xahar, li għandha tiżdied kull sena skont l-Indiċi tal-Inflazzjoni.**

6. **L-ispejjeż mediċi u edukattivi inkluz spejjez relatati mal-attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri għandhom jibqgħu jiġu supportati mill-kontendenti f'ishma ndaqs bejniethom.**

## D. RETTA ALIMENTARI GHALL-ATTRICI

1. **Dwar din it-talba, l-esponenti jaghmel referenza ghal dak illi rrizulta mill-provi migbura f'dina l-kawza fir-rigward tar-relazzjoni li l-attrici ghandha ma' terza persuna. In oltre ma jistax jinjora lanqas il-kapaċita' lavorattiva tal-istess attriċi. B'hekk m'ghandu jkun hemm l-ebda ordni ghall-hlas ta' manteniment mill-konvenut lill-attrici ghall-bzonnijijet taghha.**
2. **Mill-banda 'l ohra jinghad ukoll li ma saret ebda talba da parti tal-konvenut sabiex huwa jigi rimborsat kwalunkwe manteniment minnu mhallas, u ghalhekk dak mitlub mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma jsib ebda sostenn fir-rikors guramentat promotur.**

## E. DWAR IL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI:

Fid-dawl tal-provi prodotti l-esponenti sejjer jipproponi s-segwenti pjan ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti:

## E1. ID-DAR MATRIMONJALI BL-INDIRIZZ VAL D' AMOUR, VJAL IL-QALBIENA MOSTA.

**Għajr għal valur espress mill-attrici C B, ta' EUR 600,000, ebda parti ma pproduċiet valutazzjoni ta' dan l-immobbli. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk l-esponenti qiegħed jirrakkomanda li jiġi maħtur perit tekniku sabiex jistma dan l-immobbli bl-ispiża relattiva tkun sopportata f'ishma ugwali bejn il-kontendenti. Sussegwentement din il-proprjeta' għandha tinbiegħ. Jirrizulta li diga` kien hemm tentattivi sabiex din il-proprjeta' tinbiegh waqt dawn il-proceduri u ghalhekk l-esponenti huwa tal-fehma li**

**ghandu jkun hemm zmien qasir ta' mhux aktar minn sitt xhur li matulu l-kontendenti għandhom jippruvaw ibiegħu din il-proprjeta' fis-suq miftuħ. Fin-nuqqas ta' bejgh din il-proprjeta` ghandha tigi liċitata. Ir-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.**

## E2. IL-MOBBLI KONTENUTI ĠEWWA D-DAR MATRIMONJALI.

**L-esponenti qiegħed jirrakkomanda li l-mobbli kontenuti ġewwa d-dar matrimonjali għandhom jinbiegħu flimkien mal-istess. Madanakollu, billi ma tressqet ebda prova dwar dan, l-esponenti jissuġġerixxi li mas-sentenza finali tagħha din l-Onorabbli Qorti għandha takkorda perijodu qasir, li fl-opinjoni tal-esponenti għandu jkun wieħed ta' tlett xhur, sabiex il-kontendenti jippruvaw jaqblu fuq diviżjoni ekwa ta' dawn il-mobbli. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, jiskatta s-suġġeriment surriferit.**

## E3. DWAR KONTIJIET BANKARJI, IRRIZULTA S-SEGWENTI

1. Kontijiet bankarji intestati fuq isem A B

| | | |
|---|---|---|
| APS Numru tal-akkont 2000096639-4 | Bilanc sal-2012 | Eur 362.94c |
| APS Numru tal-akkont 1134011303-7 | | Maghluq |
| APS Numru tal-akkont 1134011301-5 | Bilanc sal-2012 | Eur 574.43c |
| APS Numru tal-akkont 1134013001-1 | Bilanc sal-2012 | Eur 287.81c |
| HSBC Numru tal-akkont 08183564050 | | Maghluq 2007 |
| BOV Numru tal-akkont 12015231010 | | Maghluq 2005 |

| | | |
|---|---|---|
| BOV Numru tal-akkont 17212171011 | Bilanc sal-2011 | Eur 6.69c |
| BOV Numru tal-akkont 40014747458 | Bilanc Marzu 2012 | Eur 2,657.04c |
| BOV Numru tal-akkont 40015408505 | Bilanc sa Dicembru '11 | Eur 14.14c |

2. Kontijiet bankarji intestati fuq isem C B

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Numru tal-akkont 061129151050 | | Eur 166.46c |
| HSBC Numru tal-akkont 08112915110 | Bilanc sal-2012 | Eur 3,019.85 |

3. Kontijiet kongunti f'isem il-partijiet

| | | |
|---|---|---|
| BOV Numru tal-akkont 40015002642 | | Maghluq 2010 |
| **Loan** BOV Numru tal-akkont 40018856154 | Bilanc sal-'10 | Eur 11,353.50c |

4. **Fir-rigward tal-kontijiet bankarji l-esponenti jirrakkomanda li l-attriċi għandha tiġi assenjata l-kontiijiet bankarji kollha ntestati f'isimha filwaqt li l-konvenut jigi assenjat il-kontijiet bankarji kollha intestate f'ismu. In oltre l-kont kongunt bin-numru 40018856154 qieghed jigi rakkomandat li dan jigi assenjat lill-konvenut, u dan ukoll in vista ta' dak li ser jigi sottomess dwar il-vettur(i) tal-partijiet.**

## E4. DWAR VETTURI

1. Dwar vetturi, ma ngiebet l-ebda prova ghajr ghall-fatt li jissemmew zewg vetturi wahda tal-ghamla BMW li tintuza mill-konvenut u li dwarha ttiehed *loan* u vettura ohra tal-ghamla

AUDI li tidher li qed taghmel uzu minnha l-komparenti mara skont dak illi xehed il-konvenut fl-affidavit tieghu.

**2. Fir-rispett tal-vettur tal-marka BMW, huwa pacifiku li din inxtrat permezz ta' tehid ta' facilita` bankarja waqt iz-zwieg. L-esponent jirrakkomanda li din il-vettura tigi assenjata lill-konvenut b'dana pero` li l-istess vettura ghandha tigi stmata bid-debita ekwiparazzjoni tigi mhallsa favur l-attrici, wara li jigi mnaqqas dak dovut lill-bank kreditur in konnessjoni max-xiri tal-istess vettura.**

**3. Dwar il-vettura tal-marka Audi ma tressqet l-ebda prova la dwar il-valur, la meta inxtrat u minn min inxtrat u ghalhekk l-esponent ma jista' jaghmel l-ebda rakkomandazzjoni dwar dan.**

## E5. DWAR L-ISHMA TAL-ATTRICI FIS-SOCJETA' VJM PROPERTIES LTD.

**1. F'dan ir-rigward irrizulta li l-ishma li tiddetjeni l-attrici f'din is-socjeta' huma konsegwenzjali ghall-merger ta' kumpaniji ohra fejn hija kienet gja azzjonista qabel iz-zwieg, li dawn l-ishma kienu inghataw lilha mill-genituri taghha. Ghalhekk dawn l-ismha ghandhom jigu assenjati lill-attrici fl-intier taghhom.**

## F1. DWAR KREDITI PARAFERNALI PRETIZI IN KONNESSJONI MAL-FOND MATRIMONJALI

1. Illi mill-provi migbura f'dina l-kawza irrizulta, u jidher li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwaru, li c-cirkostanza tad-donazzjoni tad-dar konjugali kienet li l-konvenut A B ghandu jaghmel tajjeb ghall-kostruzzjoni u l-*finishings* tal-fond donat. Ghalhekk certament li m'hemm l-ebda kreditu parafernali dovut lill-konvenut f'dan ir-rigward.

2. Il-kontestazzjoni principali dwar il-fond matrimonjali hija fir-rigward tal-hlasijiet li l-attrici tikkontendi li saru minn missierha E

F jew mill-kumpanija tieghu in konnessjoni ma' dan l-istess fond, li dankollu qieghed jigi kontestat mill-konvenut A B.

3. Fis-seduta tal-25 ta' April 2014 **C B** esebiet is-sewenti dokumenti fir-rigward tal-hlasijiet li saru minn missierha jew mill-kumpanija tieghu :-

- *Sejha ghall- hlas tas-somma ta' LM 6,216 indirizzata lil VB Developments Limited illi hija tghid li nharget in konnessjoni mad-donazzjoni tal-art (Dok. LV 1);*
- *Sejha ghal hlas indirizzata lir-ragel taghha ghas-somma ta' LM 9,324 in konnessjoni mal-istess donazzjoni (LV 2 A);*
- *Avviz ta' likwidazzjoni ghall-hlas tas-somma ta' LM 3,128 in konnessjoni mal-istess trasferiment li juri wkoll ir-riduzzjoni li hadu wara li oggezzjonaw (LV 2 B);*
- *Elenku ta' hlasijiet maghmula b'cekk mill-kumpanija VBJ Developments Limited in konnessjoni mal-ispejjez maghmula fid-dar (Dok. LV 3) fejn fl-istess dokument hemm indikati wkoll ir-ragunijiet tal-hlas. Lilian B spjegat li din l-informazzjoni giet migbura minn ohta G H mill-cash book tal-VBD Developments Ltd;*
- *Ircevuta mahruga minn E Vasssallo illi juri hlas ta' LM 1,500 bhala maghmula mill-kontendenti fejn hemm riferenza ghal cekk tal-kumpanija ta' missier Lilian B (Dok. 'II' u Dok. 'III');*
- *Dok. 'IV' jirraprezenta hlas ghat-tqeghied ta' madum fis-somma ta' LM 464 li hareg minn VBD Devlopments Ltd (cekk numru 7666);*
- *Dok. 'V' jirraprezenta ricevuta ta' F Builders fis-somma ta' LM 175 li taghmel riferenza ghal cekk 7371 mahrug minn VBD Developments Ltd;*
- *Dok. LV 4 rapprezentanti hlasijiet li hargu minn cheque book personali ta' missierha dwar spejjez li saru fid-dar matrimonjali.*
- *Esebiet ukoll Dok LV 4 B li jirraprezenta lista ta' cekkijiet li hargu mill-kumpanija VBD Developments Ltd lil A B. C B tghid li l-informazzjoni ta' Dok. LV 4 u LV 4 B gabritha hija stess. Qalet*

*illi l-verifiki saru mill-cash book tal-VBD Developments Ltd u mill-mamma tac-cekk book tal-VBD Developments Ltd u mic-cekk book personali ta' missierha. Dwar il-cash books u c-cekk books tghid illi dawn ghadhom jezistu.*

- *Dok. LV 5 u Dok. LV 6 huma certifikati ghall-pagament akkont maghmula mill-Perit Ivan Attard dwar l-ispejjez kollha li saru fil-binja, u cioe` l-ispejjez tal-bennej. Dok LV 5 jirraprezenta x-xogholijiet tal-ewwel, it-tieni u t-tielet sular fl-ammont ta' Lm 18,243.10c u dokument LV 6 li nhareg f'April 2001 jirrapprezenta x-xogholijiet tal-bennej li saru fil-parapett. B'hekk C B qalet li l-ammont totali ta' hlas lil E F l-bennej ammonta ghal Lm 21,408.*

4. Illi l-attrici tikkontendi li l-hlasijiet kollha li saru jammontaw ghas-somma ta' €167,242.95c.

5. Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014, C B kompliet billi esebiet dokument '**L**' kompost minn sbatax (17)-il cekk *image* li huma cekkijiet mahruga mill-kont bankarju ta' missierha E F u dokument '**M**' li huwa kompost minn tmien (8) dokumenti li bejniethom juru *images* ta' sitta u ghoxrin (26) cekk li hargu mill-kont tal-kumpanija ta' missierha VBD Developments Limited. Iccarat li cekk numru 7697 huwa indikat darbtejn kif wkoll cekk numru 7666, cekk numru 7672 u dak bin-numru 7697. Iccarat li c-cekkijiet mahruga fuq isimha kienu gew depozitati fil-kont bankarju ta' Chrisptopher B.

6. **Illi fir-rigward ta' dawn il-hlasijiet, ma jirrizultax provi sufficjenti sabiex l-esponent jasal ghall-konkluzjoni taht liema titolu inhargu dawn il-flejjes, dan hu aktar meta (i) missier l-attrici, E F ma xehed xejn f'dan ir-rigward, u (ii) diversi hlasijiet saru kemm direttament lill-attrici, lill-konvenut u kif ukoll direttament lil terzi, (iii) u ma saret l-ebda skrittura fir-rigward ta' dawn il-hlasijiet kif effettivament sar in konnessjoni mas-self fis-somma ta' Lm**

**15,000. Ghalhekk l-esponent huwa tal-fehma li din il-kwistjoni dwar hlasijiet li saru minn terzi, ghandha tigi determinata f'gudizzju separat.**

**<u>F2. DWAR IS-SELF SKOND L-ISKRITTURA DATATA 14 TA' SETTEMBRU 1999</u>**

**Fir-rigward tas-self mill-attrici lill-konvenut fis-somma ta' Lm15,000, ekwivalenti ghal Eur 34,940.60c, l-esponent jaghmel riferenza ghall-att pubbliku datat Settembru 1999, li gie esebit fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2016 fejn il-konvenut obbliga ruhhu li jirrifondi tali somma lill-attrici fi zmien tlett snin minghajr imghax. L-iskop principali tas-self kien ghall-kostruzzjoni tad-dar u allura l-obligazzjonijiet naxxenti mill-ftehim ta' bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' natura kummercjali. Ghalhekk fil-fehma tal-esponent l-imghax m'ghandux jibda jiddekorri "*ipso jure*". Ladarba ma saret ebda interpellazzjoni qabel il-kawza, l-imghax ghandu jibda ghaddej**

**(i) a favur il-komunjoni tal-akkwisti minn meta giet intavolata l-kawza u allura mit-18 ta' Marzu tas-sena 2011 sa dakinhar tad-decizjoni ta' dina l-Qorti fir-rigward tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u cioe` sal-10 ta' Marzu tas-sena 2014[13],**
**(ii) a favur l-attrici mill-10 ta' Marzu 2014 sal-hlas effettiv,**

**u dan ghaliex naturalment dakinhar kien hemm interpellazzjoni ghal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u restituzzjoni tal-beni parafernali.[14]**

**KONKLUZJONI**

[13] A fol. 2 tar-Rikors Guramentat numru 85/2011
[14] Ara decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Rita Schembri f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri Janelle u Charlton ahwa Schembri v. Joseph Schembri Citazzjoni Numru 769/03*

In vista ta' dak hawn fuq premess, wara li permezz ta' digriet datat 3 ta' Mejju 2016[15], moghti fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 85/11/2, il-Qorti laqghat it-talba ta' A B sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonverti t-talba ghas-separazzjoni legali ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet kontendenti u wara wkoll li permezz ta' digriet datat 9 ta' Ottubru 2014[16], moghti fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 85/2011, il-Qorti, laqghet it-talba tar-rikorrent A B hekk kif dedotta fir-rikors tieghu datat 10 ta' Marzu 2014[17] u konsegwentement ordnat l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent hu tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha :-

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet b'dan illi l-kawza tal-firda ghandha tkun attribwibbli ghaz-zewg partijiet b'mod ugwali, u tistabilixxi l-1 ta' Mejju 2010 bhala d-data li fiha l-partijiet irrendew ruhhom responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg;

ii. Tilqa' t-talbiet tal-partijiet in kwantu talbu sabiex jigu awtorizzati jghixu separatament minn xulxin;

iii. Tornda li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata b'mod kongunt bejn il-partijiet, bir-residenza taghha tkun tal-attrici C B b'access favur il-konvenut kif spjegat hawn fuq f'paragrafu numru B.1 (4) ta' dana r-rapport;

iv. Tikkundanna lill-konvenut A B sabiex ihallas lill-attrici Lilana B s-somma ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) kull xahar bhala manteniment ghall-imsemmija D B. Dan l-ammont ta' manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja sakemm hija tibqa' tistudja full-time u ma tkunx ghalqet it-tlieta u ghoxrin (23) sena. In oltre tordna lill-konvenut A B sabiex ihallas lill-attrici C B nofs l-ispejjez ta'

[15] A fol. 20 tar-Rikors Guramentat numru 85/2011/2
[16] A fol. 41 tar-Rikors Guramentat numru 85/2011
[17] A fol. 2 tar-Rikors Guramentat numru 85/2011

sahha u edukazzjoni inkluz dawk relatati mal-attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri D B;

v. Tichad it-talba ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-attrici C B retta alimentarja versu l-bzonnijiet taghha;

vi. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni dwar it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dan in vista tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti datata datat 10 ta' Marzu 2014[18];

vii. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet bil-mod hawn fuq spjegat;

viii. Tassejna l-krediti parafernali kif hawn fuq spjegat;

ix. Tichad it-talba tal-attrici C B sabiex din il-Qorti tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata minnha flimkien mal-minuri D B bl-eskluzjoni tal-konvenut;

x. Tordna illi ghandhom jigu komminati fil-konfront taz-zewg partijiet il-penalitajiet u s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16, u dana mill-1 ta' Mejju 2010.

xi. Tilqa' t-talba tal-attrici C B sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' F;

xii. Tilqa' t-talbiet tal-partijiet fir-rigward tal-awtorizazzjoni sabiex tigi registrata fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn dina l-Qorti.

[18] A fol. 2 tar-Rikors Guramentat numru 85/2011

## H. SPEJJEZ GUDIZZJARJI

1. In vista ta' dak rakkomandat, l-istanti jħoss illi l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom ikunu a karigu taz-zewg partijiet f'sehem ugwali bejniethom.

Tant ghadu x'jissottometti l-Perit Legali għall-ġudizzju finali ta' din l-Onorabbli Qorti."

Rat is-sottomissjonijiet tal-intimat ippreżentati fl-14 ta' Settembru 2018[19]; u n-nota responsiva tal-attriċi ippreżentata fl-20 ta' Diċembru 2018[20];

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Il-Qorti tirrileva illi l-abbli Perit Legali ħa konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda kollha miġjuba quddiemu, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża. Illi l-Qorti għandha konvinċiment morali sħiħ li hija tista' sserraħ fuq il-konklużjonijiet peritali fid-deċiżjoni tagħha. Xorta waħda, il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha, tenut kont ukoll tan-noti ta' sottomissjonijet finali tal-partijiet.

### Dwar ir-Responsabilita` tat-Tkissir taż-Żwieġ

Il-Qorti tirrileva illi taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-abbli Perit Legali u cioe illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment b'tortijiet ugwali taż-żewġ partijiet.

L-attriċi targumenta illi kien żewġha illi kisser iż-żwieġ għaliex kien hu li beda relazzjoni adultera ma' M N illi wasslet għat-tifrik taż-żwieġ

[19] Fol. 241 tal-proċess 85/11AL;

[20] Fol. 251 tal-proċess 85/11AL;

tagħhom. Filwaqt illi hija taqbel illi kienet tiltaqa’ ma’ I J, dan kien biss is-sieħeb tagħha taż-żfin fil-passat u xejn iktar minn ħbieb. Il-Qorti tirrileva illi dawn il-laqgħat tal-attriċi ma’ J, kienu jqajmu tensjoni bejn il-koppja B sa mill-għerusija tagħhom, u l-istess attriċi kienet allura wegħdet lill-intimat li hija ma kinitx ser tibqa’ tiltaqa’ ma’ J u dana wara episodju fl-għerusija fejn hija beżgħet li kienet ħarġet tqila minn dan J. Minkejja din il-wegħda, hija ma setgħetx taqta’ l-inkontri ma’ J. Ladarba kienet taf illi l-intimat kien skomdu bl-inkontri tagħha ma’ J tenut kont il-passat tagħhom, l-attriċi kellha tagħmel sforz ikbar biex tevitahom u żżomm kelmitha li taqta’ kull komunikazzjoni miegħu, dan sabiex ma xxellifx il-fiduċja reċiproka neċessarja fil-relazzjoni tagħha ma’ B. Anke jekk ma ġiex ippruvat illi r-relazzjoni bejn l-attriċi u J, wara ż-żwieġ tagħha mal-konvenut, kienet waħda fiżikament intima, xorta waħda xekklet l-iżvilupp tar-relazzjoni B.

Inoltre il-Qorti tirrileva wkoll illi l-istess attriċi ma damitx wisq, wara li żewġha allontana ruħu mid-dar matrimonjali, sabiex bdiet relazzjoni ma’ K L.

B’hekk il-Qorti hija tal-fehma li d-dikjarazzjonijiet tal-attriċi li hija għamlet minn kollox biex issalva ż-żwieġ, jirriżultaw għal kollox fiergħa, dgħajfin u xejn konvinċenti.

Dwar l-argument illi l-Perit Legali ma kellux janalizza r-relazzjoni extra-matrimonjali tal-attriċi, in vista li l-adulterju mhuwiex wieħed mill-premessi sollevati mill-intimat fis-separazzjoni fl-ismijiet inversi, il-Qorti tirrileva illi lanqas f’din l-azzjoni ma ġie premess l-adulterju bħala l-kawża għat-tkissir taż-żwieġ[21] imma l-attriċi xorta waħda tippretendi li l-Qorti tikkonsidra l-adulterju tal-intimat.

Il-Qorti tissolleva illi t-talbiet tal-partijiet għad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni mhumiex speċifikatament marbuta mal-aggravji indikati fil-premessi, iżda qed jitolbu s-separazzjoni għal tortijiet attribwibbli lil-parti l-oħra. B’hekk, il-Qorti hija libera li timraħ dwar x’setgħu kienu dawn it-tortijiet. Fi kwalunkwe każ, f’kawża ta’ separazzjoni personali, il-Perit Legali kien jonqos minn dmirijietu, u sussegwenetment il-Qorti tkun ugwalment qed tonqos, kieku ma tieħux konjizzjoni tal-

[21] Ġew premessi l-inkompatibilita` ta’ karattru, sevizzi, eċċessi u inġurji gravi;

allegazzjonijiet ta' adulterju bejn il-koppja, meta dan it-tort huwa meqjus bħala l-ikbar moħqrija inflitta bejn il-konjuġi.

## Dwar l-aspett patrimonjali

Il-Qorti tikkonferma u tafferma l-konklużjonijiet tal-Perit Legali dwar diversi punti li qajmu kontroversja:

1. L-ishma ta' VJM Properties Limited – Jirriżulta ampjament ċar mill-provi prodotti, partikolarment mix-xiehda ta' Claudette Fenech[22] rappreżentanta ta' Malta Financial Services Authority, illi s-soċjeta` VJM Properties Limited ġiet fis-seħħ b'riżultat ta' merger bejn tliet kumpaniji oħra u cioe MJV Investments Limited, J & M Holdings Limited u V.B. Developments Limited. Illi l-attriċi kellha l-ishma f'dawn il-kumpaniji sa minn qabel iż-żwieġ u b'hekk l-ishma fil-kumpanija VJM Properties Limited, fil-fehma tal-Qorti, baqgħu parafernali tal-attriċi. Illi b'hekk l-intimat m'għandu l-ebda sehem minn dawna l-ishma.

2. Dwar xi krediti li jista' għandu r-raġel fuq ħlasijiet li għamel għad-dar matrimonjali, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi dawn il-ħlasijiet twettqu in adempiment tal-ftehim bejn il-partijiet u missier l-attriċi u cioe illi filwaqt illi huwa jagħti lilhom it-tnejn b'donazzjoni l-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali, ikun l-intimat waħdu li jħallas għall-bini tal-dar u l-benefikati kollha tagħha. Illi b'hekk l-intimat m'għandux ikun rimborsat għall-ħlasijiet li wettaq.

3. L-attriċi targumenta illi effettivament hi u missierha xorta waħda ħarġu ħafna mill-ispejjeż neċessarji għall-bini u għat-tlestija tad-dar matrimonjali. Tesebixxi diversi dokumenti in sostenn ta' dan u titlob li hija tkun rimborsata l-ammonti mħallsa minn missierha. Sfortunament għall-attriċi, il-Qorti għandha quddiemha kawża bejnha u bejn A B. Missierha u l-kumpaniji tiegħu m'humiex parti f'din il-

[22] Xhieda mogħtija fl-14 ta' Novembru 2014 u d-dokumenti minnha esebiti fol. 1250 et seq;

kawża u din il-Qorti m'hijiex il-forum kompetenti biex tordna lill-intimat jirrifondi ħlasijiet lis-sur E F jew kumpaniji tiegħu. Il-provi jindikaw illi l-ħlasijiet ma sarux minn C personalment iżda minn missierha personalment jew VB Developments Limited. Filfatt l-elenku fol. 1180 huwa intestat: Payments from Dad's Company VB Development Limited; dak fol. 1186 : dad's personal cheque book; u dak fol. 1187 Deposits in Chris Account V.B. Developments Limited[23]. Għalhekk skont il-liġi huma E F jew VB Developments Limited jew l-aventi causa tagħhom li jistgħu jittentaw jirkupraw dawn il-fondi mingħand l-intimat.

M'hemmx dubju li llum, *with the benefit of hindsight*, il-familja F tqis bħala żball min-naħa tagħha il-mod kif twettqu dawn il-pagamenti u wkoll kif l-art ġiet donata liż-żewġ partijiet u mhux lil C weħidha. Il-Qorti pero` hija tenuta timxi mal-liġi korrenti tal-pajjiż u mhux li tipporteġi xi parti jew oħra. Min ried ikun protett kien fid-dmir li jikseb parir legali biex seta' jipproteġi ruħu ferm aħjar.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda, anke hawn, tafferma l-konklużjoni tal-Perit Legali illi l-attriċi ma tistax f'dan il-forum tingħata rimbors għall-ispejjeż kollha elenkati minħabba minkejja illi dawn ilaħħqu ammonti sostanzjali.

4. Dwar is-self ta' ħmistax-il elf Lira Maltija (Lm15,000) minn C B ġja F lil A B, dan huwa ikkonfermat permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-14 ta' Settembru 1999[24] u debitament insinjat fir-Reġistru Pubbliku. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali dwar il-modalita` tal-ħlas tal-imgħax dekorribbli fuq l-imsemmija somma u ċioe: mit-18 ta' Marzu 2011, data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna, sad-29 ta' Ottubru 2014, data meta x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti għadda in ġudikat, favur il-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet. Mit-30 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv, l-imgħax jiddekorri favur C B esklussivament.

---

[23] Enfasi miżjud

[24] Kopja tiegħu esebita fol. 2113;

**<u>Dwar il-manteniment</u>**

L-intimat jikkontendi illi C B għandha tirrifondilu l-manteniment imħallas għaliha personalment. Din il-pretensjoni tiegħu hija sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u mhux fir-rikors ġuramentat. Illi għal din ir-raġuni il-Perit Legali għażel illi jiskartaha. Il-Qorti ma taqbilx.

L-obbligu tal-intimat illi jħallas manteniment versu martu ġie kanonizzat permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fis-27 ta' Mejju 2011 u cioe fil-mori ta' dawn il-proċeduri u mhux qabel inbdew iż-żewġ azzjonijiet. Illi għalhekk kien impossibbli għall-intimat li jitlob rimbors ta' ħlasijiet li lanqas biss ma kienu għadhom ġew ordnati fil-konfront tiegħu.

Illi l-Qorti għandha l-fakolta` illi fis-sentenza finali tagħha, tagħti dawk il-provvedimenti illi jidhrilha xierqa, sabiex temenda jew saħansitra tirrevoka digrieti preċedenti tagħha mogħtija fil-mori tal-istess azzjoni, in vista li mas-sentenza finali jkollha l-provi kollha quddiemha u tkun qiegħda tiddeċiedi b'mod definittiv u mhux għab-bażi ta' *prima facie*.

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi bdiet relazzjoni stabbli ma' K L fil-bidu tas-sena 2012. Illi in vista ta' din ir-relazzjoni stabbli ma' terz, hija ddekadiet mid-dritt tagħha li tipperċepixxi manteniment mingħand żewġha.

Illi l-Qorti tapprezza li l-attriċi sabiex setgħet trabbi lill-minuri D, bint il-partijiet, naqqset il-prospetti ta' introjtu tagħha. L-intimat kien jippretendi minnha li ladarba kienet hija il-"part-timer" ċerti bżonnijiet tat-tifla kellha tieħu ħsiebhom hi weħidha. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, hija ma tistax tkun mistennija tivversa somma ugwali għal tiegħu bħala manteniment tal-minuri. Dak li jivversa il-missier f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jkun superjuri għal dak illi tivversa l-omm, sewwasew għaliex l-omm qiegħda tivversa iktar ħin u attenzjoni versu t-tifla, li dawn ukoll fihom valur, mhux biss morali u emottiv iżda wkoll lukrattiv.

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, l-attriċi ma kinitx intitolata għal manteniment għaliha personali mingħand l-intimat. Filwaqt illi l-manteniment pagabbli mill-intimat għall-minuri kelllu jkun ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) kull erba' ġimgħat oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tordna lil C B tirrifondi lil A B, is-somma ta' mija u għoxrin Ewro (€120) kull erba' ġimgħat, mill-1 ta' Jannar 2012 sad-data tal-preżenti, mingħajr imgħax, u cioe is-somma globali ta' ħdax-il elf, mitejn u tmenin Ewro (€11,280). Minn dan l-ammont, jinqata' kwalsiasi pagament illi l-intimat jonqsu jivversa rappreżentanti sehemu mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi billi tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, bi ħtijiet ugwali fil-konfront ta' xulxin.

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attriċi u konsegwentement tawtorizzaha illi tgħix separatament mill-konvenut żewġha;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba tal-attriċi billi tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri D tkun fdata lill-attriċi flimkien mal-intimat, b'dan illi l-minuri tgħix prinċiparjament mal-attriċi u l-intimat ikollu l-aċċess kif stabbilit illum stess fil-kawża fl-ismijiet inversi.

4. Tilqa' r-raba' talba tal-attriċi u konsegwentement tordna lill-intimat iħallas lill-attriċi is-somma ta' tliet mija u għoxrin Ewro (€320) kull erba' ġimgħat, bħala manteniment għall-minuri D, oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tagħha. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-

ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi l-intimat. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax-(18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi.

5. Tiċħad il-ħames talba tal-attriċi u in vista li fil-mori tal-kawża l-intimat ġie ordnat iħallas manteniment għall-attriċi li ma kinitx intitolata għalih, qiegħda bis-saħħa tal-preżenti, tordna lill-attriċi sabiex tirrifondi lill-intimat is-somma ta' ħdax-il elf, mitejn u tmenin Ewro (€11,280), mingħajr imgħax. Minn dan l-ammont, jinqata' kwalsiasi pagament illi l-intimat jonqsu jivversa rappreżentanti sehemu mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

6. Tilqa' s-sitt talba tal-attriċi u tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. It-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fid-9 t'Ottubru 2014; Dwar is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar talbiet tal-attriċi, il-Qorti tiddeċiedi kif ġej:

   a. Kull parti iżżomm b'mod esklussiv kwalsijasi kont bankarju, investiment, polza t'assikurazzjoni u ċertifikati ta' titolu intestati f'isimha;

b. Kull parti iżżomm b'mod esklussiv kwalsijasi vettura rreġistrata f'isimha;

c. Id-dar bl-indirizz X Triq il-Y, Z, b'effett mill-preżenti, m'għadhiex tikkostitwixxi id-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-Qorti qiegħda tiffissa perjodu perentorju ta' tliet xhur mill-preżenti li fih il-partijiet għandhom jieħdu l-effetti personali tagħhom kollha mid-dar u jiżgumbrawha. Il-Qorti qiegħda taħtar lill-Perit AIC Dr. Robert Musumeci tordnalu sabiex fi żmien l-istess tliet xhur mill-preżenti, iżomm aċċess fuq il-fond, jagħmel valutazzjoni tal-istess fond, fl-istat attwali tagħha u jippreżenta l-istess valutazzjoni tiegħu fl-atti ta' dan il-proċess. Dan bi spejjeż pagabbli ugwalment miż-żewġ partijiet. Id-dar titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ, bil-prezz minimu tal-bejgħ jkun dak stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess propjeta`, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħha kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sena mill-preżenti, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta` fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta. Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Sean Critien bħala Nutar Pubbliku sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Christopher Chircop bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi, bi spejjeż tal-istess kontumaċi. Ir-rikavat mill-prezz tal-bejgħ ikun perċepit b'mod ugwali bejn il-partijiet.

d. Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar ġja matrimonjali qegħdin jiġu assenjati lill-attriċi.

e. L-intimat qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attriċi is-somma ta' erbgħa u tletin elf disa' mija u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) ġja ekwivalenti għal ħmistax-il elf

Lira Maltija, rappreżentanti self mill-attriċi lill-konvenut permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-14 ta' Settembru 1999. Imgħax legali jiddekorri fuq din is-somma mit-18 ta' Marzu 2011, data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna, sad-29 ta' Ottubru 2014, data meta x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti għadda in ġudikat, favur il-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet. Mit-30 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-pagament effettiv, l-imgħax jiddekorri favur C B esklussivament.

f. Tiddikjara illi l-ishma tal-attriċi fis-soċjeta` VJM Properties Limited huma parafernali u esklussivament tagħha.

g. Tiddikjara illi kull wieħed mill-partijiet m'għandu l-ebda kreditu parafernali ieħor fil-konfront tal-parti l-oħra jew tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejniethom.

8. Tilqa' l-ħdax-il talba tal-attriċi u tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha F;

9. Tilqa' t-tnax-il talba tal-attriċi b'dana illi tawtorizzaha tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

10. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandati fl-ismijiet premessi, jiġu sopportati mill-partijiet b'mod ugwali bejniethom.

L-ispejjeż u d-drittijiet Notarili relatati mat-trasferiment tad-dar ġja matrimonjali, ikunu sapportati miż-żewġ partijiet f'ishma ugwali.

L-ispejjeż tal-Avukat Dr. Christopher Chircop nominat iktar ’il fuq f’din is-sentenza għall-eventwali kontumaċi, jitħallsu skont il-liġi.